

ANNEX III

EMENDI LI JRIDU JKUNU INKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET RILEVANTI TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI LI FIHOM NIMESULIDE (FORMULAZZJONIJIET SISTEMIĊI)

Iż-żidiet jidhru bil-korsiv u b'sinjal taħthom, il-kliem imħassar jidher bil-korsiv u b'sinjal għaddej minn ġo-nofsu.

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Kura ta' uġigħ akut (*ara sezzjoni 4.2*).

Kura sintomatika ta' osteoartrite bl-uġigħ (*ara sezzjoni 4.2*).

Mestrwazzjoni primarja diffiċli jew li tweġġa'.

Nimesulide għandu jiġi preskritt bħala t-tieni trattament wara li ma jkunx irnexxa l-ewwel wieħed.

Id-deċiżjoni li tingħata riċetta għal nimesulide għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni tar-riskji totali tal-pazjent individwali (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.4).

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Id-doża effettiva minima għandha tintuża għall-inqas żmien possibbli biex jitnaqqsu l-effetti mhux mixtieqa.

It-tul massimu tal-kors tal-kura b'nimesulide hu ta' 15-il jum.

Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet għandhom jintużaw għall-inqas tul ta' żmien possibbli, kif meħtieġ mis-sitwazzjoni klinika.

Adulti:

100 mg darbtejn kuljum wara l-ikel.

Anzjani: F'pazjenti anzjani m'hemm l-ebda ħtieġa li tnaqqas id-dożaġġ ta' kuljum (*ara sezzjoni 5.2*).

Tfal (< 12-il sena): Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet hu kontra-indikat f'dawn il-pazjenti (*ara wkoll sezzjoni 4.3*).

Adolexxenti (minn 12 sa 18-il sena): fuq il-bażi tal-profil kinetiku fl-adulti u fuq il-karatteristiċi farmakodinamiċi ta' nimesulide, l-ebda aġġustament fid-dożaġġ f'dawn il-pazjenti mhu meħtieġ.

Indeboliment fil-funzjoni renali: fuq il-bażi farmakokinetika, l-ebda aġġustament fid-dożaġġ mhu meħtieġ f'pazjenti b'indeboliment renali minn ħafif sa moderat (tneħħija tal-krejinina ta' 30-80 ml/min), filwaqt li Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet hu kontra-indikat f'każ ta' indeboliment sever renali (tneħħija tal-krejinina ta' < 30 ml/min) (*ara sezzjonijiet 4.3 u 5.2*).

Indeboliment epatiku: l-użu ta' Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet hu kontra-indikat f'pazjenti b'indeboliment epatiku (*ara sezzjoni 5.2*).

4.3 Kontra indikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva magħrufa għal nimesulide jew għal xi sustanzi mhux attivi tal-prodotti.

Storja medika ta' reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva (eż. bronkospażmu, rinite, urtikarja) b'risposta għal acetylsalicylic acid jew mediċini oħrajn mhux sterojdi kontra l-infjammazzjoni.

Storja medika ta' reazzjonijiet epatotossiċi għal nimesulide

L-espożizzjoni fl-istess ħin għal sustanzi oħrajn li huma potenzjalment epatotossiċi.

Alkoħoliżmu, dipendenza fuq id-drogi.

Ulċera gastrika jew duodenali attiva, storja medika ta' ulċerazzjoni rikorrenti jew ħruġ ta' demm gastrointestinali, ħruġ ta' demm ċerebrovaskulari jew ħruġ ta' demm attiv ieħor jew disturbi oħrajn ta' ħruġ ta' demm.

Disturbi severi tal-koagulazzjoni.

Insuffiċjenza severa tal-qalb

Indeboliment sever renali.

Indeboliment epatiku.

Pazjenti li jkollhom deni u/jew sintomi bħal dawk tal-influwenza.

Tfal taħt it-12-il sena:

It-tielet trimestru tat-tqala u t-treddigħ (ara wkoll sezzjonijiet 4.6 u 5.3).

4.4 Avviżi speċjali u prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Ir-riskju tal-effetti mhux mixtieqa jista' jtnaqqas bl-użu ta' Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet għall-inqas tul ta' żmien possibbli (ara sezzjoni 4.2)

Il-kura għandha titwaqqaf jekk l-ebda benefiċċju ma jkun osservat.

B'mod rari, Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet kienu rappurtati li kienu assoċjati ma' reazzjonijiet epatiċi serji, li jinkludu każijiet fatali rari ħafna (ara wkoll sezzjoni 4.8). Pazjenti li jkollhom sintomi li huma kompatibbli ma' ħsara epatika matul il-kura b'Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet (eż. anoreksja, nawseja, rimettar, uġiġ ta' żaqq, għeja kbira, awrina skura) jew pazjenti li jiżviluppaw testijiet tal-funzjoni tal-fwied b'riżultat anormali, għandhom iwaqqfu l-kura. Dawn il-pazjenti m'għandhomx jergħu jkunu kkurati b'nimesulide. Ħsara fil-fwied, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma riversibbli, kien irrappurtat wara espożizzjoni qasira għall-mediċina.

~~L-għoti fl-istess ħin ma' mediċini li hu magħruf li huma epatotossiċi, u abbuż tal-alkoħol, għandhom ikunu evitati matul il-kura b'Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet, għax it-tnejn jistgħu iżidu r-riskju ta' reazzjonijiet epatiċi.~~

Waqt it-terapija b'Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet, il-pazjenti għandhom jingħataw parir biex ma jiddux analġesiċi oħrajn. L-użu fl-istess ħin ta' NSAIDs differenti mhuwiex rakkomandat.

Pazjenti li kienu qed jirċievu nimesulide li jiżviluppaw deni u/jew sintomi bħal dawk tal-influwenza, għandhom iwaqqfu l-kura.

Ħruġ ta' demm jew ulċerazzjoni / perforazzjoni gastrointestinali jistgħu jseħħu fi kwalunkwe ħin matul il-kura, bi jew mingħajr sintomi ta' twissija, jew storja medika ta' avvenimenti gastrointestinali. Jekk iseħħ ħruġ ta' demm gastrointestinali, nimesulide għandu jitwaqqaf. Nimesulide għandu jintuża bl-attenzjoni f'pazjenti b'disturbi gastro-intestinali, li jinkludu storja medika ta' ulċera peptika, storja medika ta' emorraġija gastrointestinali, kolite ulċerattiva jew tal-marda ta' Crohn.

F'pazjenti b'indeboliment renali jew kardijaku, l-attenzjoni hi meħtieġa għax l-użu ta' Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet jista' jirriżulta f'deterjorament tal-funzjoni renali. Fil-każ ta' deterjorament, il-kura għandha titwaqqaf (ara wkoll sezzjoni 4.5).

Il-pazjenti anzjani huma partikularment suxxettibbli għall-effetti avversi ta' NSAIDs, li jinkludu emorraġija u perforazzjoni gastrointestinali, indeboliment tal-funzjoni renali, kardijaka u epatika. Għalhekk, monitoraġġ kliniku adattat hu rakkomandat.

Minħabba li nimesulide jista' jinterferixxi mal-funzjoni tal-plejtlits, għandu jintuża bl-attenzjoni f'pazjenti b'dijatesi bi ħruġ ta' demm (ara wkoll sezzjoni 4.3).

Madankollu, Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet mhuwiex sostitut għal acetylsalicylic acid għal profilassi kardjovaskulari.

~~L-NSAIDs jistgħu jaħbu deni li jkun marbut ma' infezzjoni batterjali bażika.~~

L-użu ta' Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet jista' jindeboli l-fertilità fin-nisa u mhuwiex rakkomandat f'nisa li qed jippruvaw joħorġu tqal. F'nisa li jkollhom diffikultajiet biex joħorġu tqal li jkunu qed ikollhom investigazzjoni dwar l-infertilità, it-twaqqif ta' Nimesulide 100 mg Pilloli/granijiet għandu jkun ikkunsidrat (ara sezzjoni 4.6).

**EMENDI LI JRIDU JKUNU INKLUŻI FIS-SEZZJONIJIET RILEVANTI TAL-FULJETT
TA' TAGĦRIF TA' PRODOTTI MEDIĊINALI LI FIHOM NIMESULIDE
(FORMULAZZJONIJIET SISTEMIĊI)**

Iż-żidiet jidhru bil-korsiv u b'sinjal taħthom, il-kliem imħassar jidher bil-korsiv u b'sinjal għaddej minn ġo-nofsu.

1. X'INHU TRADEMARK U GĦALXIEX JINTUŻA

TRADEMARK hu mediċina mhux sterojdi kontra l-infjammazzjoni ("NSAID"), li fiha proprjetajiet li jtaffu l-uġigħ ~~u li jbaxxu d-deni~~. Jintuża għall-kura ta' wġigħ akut, għall-kura ta' sintomi ta' osteoartrite bl-uġigħ, u għall-kura ta' wġigħ marbut mal-mestwazzjoni.

Qabel ma tingħata riċetta għal TRADEMARK, it-tabib tiegħek ser jevalwa l-benefiċċji li din il-mediċina tista' tagħtik kontra r-riskji li tiżviluppa effetti sekondarji.

2. QABEL MA' TIEĦU TRADEMARK

Tużax TRADEMARK jekk:

- jekk inti allerġiku/a (tbat minn sensittività eċċessiva) għal nimesulide jew sustanzi oħra ta' TRADEMARK;
- kellek reazzjonijiet allerġiċi (eż. tħarħir, imnieħer inixxi jew imblukkat, urtikarja jew raxx bħal dak ikkawżat mill-ħurrieq) wara li ħadt l-aspirina jew mediċini oħrajn kontra l-infjammazzjoni li mhumieq sterojdi;
- kellek reazzjoni għal nimesulide fil-passat li affettwat il-fwied;
- qed tieħu mediċini oħrajn li hu magħruf li jaffettwaw il-fwied, eż. paracetamol jew kwalunkwe mediċini oħrajn kontra l-uġigħ jew kura bl-NSAIDs
- qed tieħu drogi li jikkawżaw dipendenza, jew żviluppajt drawwa li ġġiegħlek tkun dipendenti fuq id-drogi jew sustanzi oħrajn
- tixrob ħafna (alkoħol) b'mod regolari.
- jekk għandek mard tal-fwied jew żieda fl-enzimi tal-fwied
- għandek ulċera peptika (ulċera tal-istonku jew duwodenali) issa, jew kellek waħda fil-passat;
- kellek ħruġ ta' demm mill-istonku jew l-imsaren;
- kellek ħruġ ta' demm fil-moħħ (puplesija);
- għandek kwalunkwe problema oħra ta' ħruġ ta' demm jew kwalunkwe problemi minħabba li d-demm tiegħek mhux jagħqad.
- għandek insuffiċjenza tal-qalb jew disturb tal-kliwi (funzjoni batuti tal-kliwi) jew kwalunkwe disturb tal-fwied;
- qed tbat minn deni jew influwenza (jekk ġeneralment tħossok muġuġh, mhux tajjeb, tħoss tertir ta' bard jew roġha jew ikollok id-deni);
- qiegħda fl-aħħar 3 xhur tat-tqala;
- qed tredda'.
-

Tagħtix TRADEMARK lil tifel/tifla ta' inqas minn 12-il sena.

3. KIF GĦANDEK TIEĦU TRADEMARK

Dejjem għandek tieħu TRADEMARK skont il-parir tat-tabib tiegħek. Għandek tiċċekkja mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju. Id-doża tas-soltu hi 1 <unità> ta' 100 mg darbtejn kuljum wara l-ikel. Uża TRADEMARK għal żmien qasir kemm jista' jkun u għal mhux iktar minn 15-il jum fi kwalunkwe kors ta' kura.

Oqgħod attent ħafna bi TRADEMARK

- Jekk għandek intolleranza għal xi tipi ta' zokkor, għandek tikkuntattja lit-tabib tiegħek qabel ma tieħu din il-mediċina.
- Jekk qed tieħu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin, għax jistgħu jinteraġixxu ma' TRADEMARK:
 - mediċina li traqqaq id-demm (anti-koagulanti, aspirina jew salicylates oħrajn)
 - pilloli tal-ilma (diuretiċi) li jintużaw għal insuffiċjenza tal-qalb jew għall-pressjoni tad-demm
 - lithium li jintuża għall-kura tad-dipressjoni u kundizzjonijiet simili
 - methotrexate
 - cyclosporinaccerta ruħek li t-tabib jew l-ispiżjar tiegħek ikunu jafu li int qed tieħu dawn il-mediċini qabel ma tieħu TRADEMARK.
- ~~— Tieħu l-ebda mediċini oħrajn mediċini li hu magħruf li jaffettwaw il-fwied, eż. paracetamol jew kwalunkwe mediċini oħrajn kontra l-uġiħ jew kura bl-NSAIDs~~
- ~~— Evita li tixxob ammont eċċessiv ta' alkoħol matul il-kura bi TRADEMARK~~
- Jekk matul il-kura b'nimesulide tiżviluppa sintomi li jissuġġerixxu kundizzjoni tal-fwied, għandek tieqaf tieħu nimesulide u tinforma lit-tabib tiegħek immedjatement. Sintomi li jissuġġerixxu kundizzjoni tal-fwied jinkludu telf ta' aptit, nawseja, rimettar, uġiħ ta' żaqq, għeja persistenti jew awrina skura. Jekk qatt kellek ulċera peptika, ħruġ ta' demm mill-istonku jew mill-imsaren, kolite ulċerattiva jew il-marda ta' Crohn, għandek tgħid lit-tabib tiegħek qabel ma tieħu TRADEMARK.
- Jekk matul il-kura bi TRADEMARK inti tiżviluppa deni u/jew sintomi bħal dawk tal-influwenza, (jekk ġeneralment tħossok muġuġh, mhux tajjeb, tħoss tertir ta' bard jew rogħda) għandek tieqaf tieħu dan il-prodott u tinforma lit-tabib tiegħek.
- Jekk tbat i minn mard tal-qalb jew tal-kliewi, għandek tgħid lit-tabib tiegħek qabel ma tieħu TRADEMARK; il-funzjoni tal-kliewi tista' tmur għall-agħar meta tieħu TRADEMARK.
- Jekk inti anzjan, it-tabib tiegħek jista' jkun jixtieq li jarak f'ċerti intervalli ta' żmien biex jaċċerta ruħu li TRADEMARK mhux qe jikkawża problemi fl-istonku, fil-kliewi, fil-qalb jew fil-fwied.
- Jekk qed tippjana li toħroġ tqila, għandek tinforma lit-tabib tiegħek, għax TRADEMARK jista' jnaqqas il-fertilità.